MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2009

Numru. 80/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JAMES GRECH**

**KONTRA**

**OMMISSIS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Omissis

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli fix- xahar ta’ Jannar 2009 u zmien qabel, fil- Gzejjer Maltin, b’diversi atti maghmulin minnu li jiksru l- istess dispozizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b’rezoluzzjoni wahda;

1) Ircieva jew kiseb minghand Roderick Baldacchino detentru tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 510978(M), xi weghda li jinghataw, lilu jew lil ohrajn, b’korrispettiv ghal xi self, mghaxijiet jew xi qligh iehor taht liema ghamla kien b’eccess minn dak permess bil- Ligi;

2) U aktar talli fl- istess zmien u cirkostanzi, bl- imgieba tieghu ikkaguna lil Roderick Baldacchino detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 510978 (M), biza li se tintuza vjolenza kontrih meta kien jaf jew missu kien jaf li l- imgieba tieghu kienet ser tikkaguna lil Roderick Baldacchino hekk jibza’ kull darba minn dawk l- okkazjonijiet;

3) U aktar talli fl- istess zmien u cirkostanzi ingurja u/ jew hedded lil Roderick Baldacchino;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat, irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti sejra tghaddi minnufih biex taghti sentenza kontra l-imputat in vista tal-ammissjoni tieghu. Il-Qorti giet ukoll infurmata li l-imputat qieghed jghin lill-Pulizija f’ investigazzjonijiet kontra terzi, u l-informazzjoni li hu qed

jaghti hi ta’ siwi kbir f’dan l-istadju. Inoltre gie vverbalizzat li l-imputat u l-parte civile m’ ghandhom ebda pretensjoni kontra xulxin, u li kulhadd thallas ghas-saldu. Il-Qorti rat il-fedina penali netta tal-imputat, u rat li hu genwinament iddispjacih ta’ li gara, u t-taghlima hadha darba ghal dejjem f’hajtu. Ghalhekk bhala piena l-Qorti sejra taghti l-multa li hi tassattiva, kif ukoll sejra torbot lill-imputat taht liberta’ kundizzjonata li ma jaghmilx reat iehor fiz-zmien massimu li takkorda l-ligi, biex ikun hemm forma ta’ kontroll fuqu u fuq ghemilu.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 298C, 251B u 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah multa ta’ elfejn u erba’ mitt Ewro (€2,400) fil-waqt li tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin ai terminu tal-Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti inoltre tordna l-hrug ta’ Ordni ta’ Protezzjoni favur Roderick Baldacchino ghal sena ai terminu tal- Artikolu 412C tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas-sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------